# JUM DUN KARM

# PALAZZ TA' SANT'ANTON

# 14.10.2025

## Dun Karm u *Il-Malti*

Eċċellenza, Onor. Ministru, Kap Eżekuttiv ta' Festival Malta, Chairperson KFN, President u Membri tal-Akkademja, Sinjuri,

Billi din is-sena L-Akkademja qed tfakkar iċ-ċentinarju mill-ewwel ħarġa ta' *Il-Malti* kienet ħaġa minn ewl id-dinja li dan l-anniversarju norbtuh mal-Poeta Nazzjonali għax Dun Karm għandu rabta kbira mhux biss mal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti imma wkoll mal-pubblikazzjoni ewlenija tagħha li bdiet toħroġ f'Marzu tal-1925, mitt sena ilu.

Hi ħaġa tassew sabiħa u xierqa li nazzjon ifakkar u jagħti ġieħ lill-patrijotti li nissluh u kabbruh. Kif ifisser Oliver Friggieri: "imqabbel mal-awturi ta' żmienu, Psaila kien sar figura *sui generis*. Il-fatt li hu l-uniku awtur lokali magħruf bl-ewwel isem biss hu indikazzjoni minnu nnifsu". Għamel isem imqar bil-poeżiji regolari tiegħu bil-Malti, hekk li minn Mejju tal-1917 beda jiffirma x-xogħlijiet tiegħu sempliċiment bħala "Dun Karm".[1]

Matul is-snin, Dun Karm baqa' jiġi ċċelebrat kemm f'ħajtu kif ukoll wara mewtu – l-aktar mill-għaqdiet u l-entitajiet tal-Malti – imma dawn it-tifkiriet ma kinux fissi u kienu jiddependu minn inizjattiva volontarja.

Nistgħu ngħidu l-kommemorazzjonijiet <u>uffiċjali</u> f'ġieħ il-Poeta Nazzjonali jafu l-bidu tagħhom mill-inawgurazzjoni tal-monument f'ġieħ Dun Karm li twaqqaf fil-Furjana f'Ottubru 2000 mill-istudenti tal-Għaqda tal-Malti (Università) bil-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni (dak iż-żmien immexxi mill-Eks Ministru Dr Louis Galea). Daħlu fil-kalendarju kulturali tal-istat u qed isiru kull sena bis-saħħa tal-Kumitat Festi Nazzjonali fi ħdan Festivals Malta, b'kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Malti, u taħt il-Patroċinju Distint tal-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta.

Matul is-snin l-Akkademja rabtet din iċ-ċelebrazzjoni ma' xi tema partikulari f'Dun Karm: il-patrijottiżmu, l-ambjent u l-fidi ewlenin fosthom. Fejn stajna,

[1] Attard, 42.

irbatna wkoll il-kommemorazzjoni ma' xi anniversarju. Ngħidu aħna fit-tifkira tal-2021 f'għeluq il-mitt sena tal-innu "1921 – Lil Ħuti l-Maltin Nhar l-Għoti tal-Kostituzzjoni" għal din l-okkażjoni Mro Dominic Galea kien immużikah għall-ewwel darba, kif xtaq Dun Karm innifsu. Din is-sena jaħbat ukoll għeluq il-200 sena mill-ħatra ta' Mikiel Anton Vassalli bħala lettur tal-Malti u f'dan il-programm se nfakkruh bil-qari tas-sunett li Dun Karm iddedikalu.

## Il-ġenesi ta' *Il-Malti*

Bis-saħħa tar-riċerka li għamel Daniel Attard f'*L-Ewwel Snin tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* nafu li f'ittra li Franġisk Saver Caruana kiteb f'*Il-Ħabib* tas-7 ta' Jannar 1922 huwa awgura li matul dik is-sena l-Malti jidher "taħt libsa waħda". Kiteb hekk għax kien hu li fl-istess ġurnal fil-21 ta' Settembru ta' sentejn qabel (fl-1920) għamel sejħa biex titwaqqaf għaqda li tħares l-ortografija tal-Malti. Beda jħeġġeġ għadd ta' kittieba tal-Malti sabiex jingħaqdu flimkien. Kienet stedina biex titfassal sistema waħda għall-kitba bil-Malti li tkun tajba għal kulħadd. Dan il-ħsieb seħħ fl-14 ta' Novembru 1920 bit-twaqqif tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Fil-laqgħa twaqqfu żewġ kummissjonijiet ta' tmien kittieba biex joħorġu bi proposta għal alfabett u ortografija ġodda tal-Malti.

Sa dak iż-żmien, kulħadd kien jikteb il-Malti bil-mod tiegħu – uħud skont regoli grammatikali u oħrajn jiktbuh kif iħossuh. Il-ħsieb ta' Franġisk Saver Caruana u ta' dawk li wieġbu għas-sejħa tiegħu kien li l-Malti jikseb id-dinjità tiegħu bħala lsien li għandu grammatika, ortografija u letteratura stabbiliti. Dawn is-sisien diġà kien fassalhom Vassalli fis-seklu ta' qabel.

Dun Karm mill-bidu nett kien fost dak in-nukleu ta' awturi u edituri li wieġbu għas-sejħa ta' Franġisk Saver Caruana u kien fost is-36 kittieb, ġurnalisti u edituri li ltaqgħu fl-Unione Cattolica San Giuseppe biex iwettqu l-ħsieb tagħhom.[2] Kif jgħid Dun Karm innifsu: "L-ewwel pass, l-aktar iebes, għalhekk min jibda, għad li ma jasalx, ikun mexa aktar minn min warajh jissokta u jtemm".[3]

L-Għaqda approvat l-alfabett fit-18 ta' Diċembru 1921 u bdiet tħeġġeġ l-użu tiegħu fost il-kittieba, l-edituri u d-dipartimenti tal-gvern. F'Novembru tal-1924 l-Għaqda stampat it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, il-manwal tal-ortografija u l-

---

[2] Daniel Attard, *L-ewwel snin tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, Heritage Malta, 2024, 13.
[3] Dun Karm, *Il-Malti*, 1933, nru III, 34.

grammatika li kien ikkompilat u editjat minn Ninu Cremona, megħjun minn Ġanni Vassallo.

Kienet rebħa kbira, ftit tas-snin wara fl-1934, meta l-ortografija mfassla u mfissra mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti saret uffiċjali u bdiet tiġi mgħallma fl-iskejjel tal-gvern.

Minn hawnhekk, l-Għaqda bdiet taħdem biex is-sistema ta' kitba li ħarġet biha tibda tintuża minn kulħadd. It-triq ma kinetx faċli, kif jistqarr Daniel Attard fil-ktieb li semmejna qabel: : "... għal bidu, minkejja li diversi kittieba (ftit għaxriet) bdew jiktbu fil-gazzetti bl-ortografija tal-Għaqda, ... ma kinux wisq dawk li bdew jippubblikaw xogħlijiethom bil-Malti l-ġdid."

Minkejja dan, u wara biss tliet snin mit-tfassil tal-alfabet, l-Għaqda ppubblikat *It-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* f'Novembru tal-1924 u f'temp ta' erba' xhur bdiet toħroġ *Il-Malti* kif kien ħabbar F.S. Caruana f'*Il-Ħabib* tal-15 ta' Jannar 1925:

"IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI sejra toħroġ kull tliet xhur Ktieb ta' 24 faċċata. Ikun imżewwaq b'kull xorta ta' tagħlim sew fuq l-ilsien Malti (ortografija, etimoloġija, storja) sew fuq kull ħaġa li l-Malti jista' jinħtieġ, kif fuq snajja' jew arti, kemm ukoll fuq ir-Reliġjon Imqaddsa tagħna. Ikun fih ħajja fil-qosor ta' xi Malti li jkun jissemma, u tgħarbil ta' xi ktieb bil-Malti."[4]

Kull kopja kienet tiswa sitt soldi jew inkella xelin u sitt soldi għal min xtaq jabbona. Kemm il-ħlas kif ukoll il-kitba kellhom jaslu għand F.S. Caruana (19, Strada Rjali, il-Belt). Kull imsieħeb fl-Għaqda bil-miżata mħallsa kien jirċievi *Il-Malti* b'xejn, kif għadu jsir sal-lum.

L-ewwel editur tar-rivista kien Ġużè Muscat Azzopardi li kien qed imexxi l-Għaqda u l-ewwel ħarġa fuq il-faċċata turi x-xahar ta' Marzu. Muscat Azzopardi kien ċar ħafna fid-direzzjoni tal-pubblikazzjoni: l-Għaqda kellha tevita kwistjonijiet politiċi u riedet tħabrek biss biex teħles "mill-għajb li fih jinsab il-lsien Malti", kif jixhed l-ewwel editorjal bit-titlu "L-Ewwel Kelmiet": "Il-ħsieb tagħna hu biss li nxerrdu dejjem iżjed il-qari tajjeb tal-Malti". Huwa aċċerta lill-qarrejja li l-kitbiet fir-rivista se jkunu kollha miktubin minn kittieba "mill-aqwa" li kienu se jiktbu fuq suġġetti varji.

[4] F.S. Caruana "Il Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", 1925.

Kif tixhed l-ewwel ħarġa ta' *Il-Malti*, Dun Karm ma kienx biss poeta imma wkoll prożatur: eżatt wara l-editorjal ta' Muscat Azzopardi nsibu l-ewwel minn sensiela ta' kitbiet ta' Dun Karm bit-titlu "Is-Sengħa tal-Kitba". Fl-ewwel numru nsibu wkoll il-poeżija enkjomastika tiegħu "Lill-Mons. Mikiel Gonzi" (fil-konsagrazzjoni tiegħu bħala Isqof ta' Għawdex).

Din it-tradizzjoni li l-President ikun ukoll l-editur inżammet għal għexieren ta' snin. Ftit żmien wara l-mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi fl-1927, Dun Karm ħa t-tmun f'idejh – kemm tal-Għaqda kif ukoll ta' *Il-Malti* u dam Direttur tiegħu mill-1929 sal-1942 – tlettax-il sena. Kif osservat Marita Cassar fir-riċerka li għamlet dwar Dun Karm bħala prożatur:

> Il-qagħda soċjali kienet qiegħda tħejji ruħha għal bosta bidliet kbar waqt li l-Kwistjoni tal-Lingwa ssoktat tifred lill-poplu f'żewġ estremi kontra xulxin li bħala regola kienu mhux biss kurrenti ta' ħsieb iżda wkoll impenn partiġjan. Kull diskors dwar l-ilsien Malti ma setax jinħeles minn konnotazzjonijiet ta' xeħta partiġjana. Għal dan il-għan Dun Karm kien il-figura ideali li setgħet tagħraf it-triq tan-nofs bejn iż-żewġ estremi.[5]

Ġużè Cardona, fil-bijografija ta' Dun Karm, jgħid hekk:

> ... mill-ewwel ħarġa ta' Marzu 1929 jibdew jidhru dawk l-editorjali milqutin, flokhom, bla kliem żejjed imma daqshekk ieħor jaqtgħu fil-laħam il-ħaj. Jekk Muscat Azzopardi lill-għedewwa tal-Malti kien isawwathom bi lsienu, (kif jgħid il-Prof. Ġużè Galea) Dun Karm kien iwiddibhom bil-ħlewwa u bil-qawwa tal-kitba mirquma tiegħu: "Dun Karm ma tantx kien jinqala' biex jaqbeż bil-kliem għall-Għaqda, mhux bħal Ġużè Muscat Azzopardi li kellu lsienu jaqta' daqs ta' tellerita u meta jibda jfendi fuq il-Malti ftit kienu dawk li jistgħu jiqfulu."
>
> Dan hu kollu minnu: Muscat Azzopardi mħarreġ jipperora fil-qorti, u Dun Karm studjuż u ħassieb; iżda waqt li l-kliem tal-ewwel intilef, il-kitba tat-tieni għadha hemm f'kull ħarġa' ta' *Il-Malti* mis-sena 1929 sal-1942 meta kellu jħalli minħabba t-taqlib tal-gwerra.[6]

Għal matul is-snin jaħarqu tal-Kwistjoni tal-Lingwa, fil-figura ta' Dun Karm, l-Għaqda żammet id-distanza meħtieġa mill-partiti politiċi. Bħala qassis u bl-istil prudenti tiegħu, Dun Karm dejjem fisser l-argumenti bil-kalma biex tinstab

---

[5] Marita Cassar, *Dun Karm: Il-Proża bil-Malti Miġbura*. Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar, Dipartiment tal-Malti, 2021, p. 9.

[6] Ġużè Cardona, *Ħajtu u Ħidmietu*. KKM, 1972, 155.

soluzzjoni għall-problemi ortografiċi u fisser fehmtu dwar kif għandu jimxi l-ħsieb tal-letteratura bil-Malti.

Dwar l-editorjali, Marita Cassar tfisser li:

> Fil-qofol tagħhom l-editorjali huma espożizzjoni tajba ħafna ta' liema prinċipji politiċi u estetiċi kellhom jiksbu prominenza fil-każ tal-Malti, lingwa qadima iżda li kien għad jonqosha l-ħila ta' kittieba serji. L-għan tiegħu dejjem jibqa' wieħed, dak li juri s-setgħat li jħaddan l-ilsien Malti.[7]

Mir-riċerka li għamlet joħroġ li l-editorjali ta' Dun Karm jistgħu jiġu kklassifikat fi tliet kategoriji:

1. Uħud mill-editorjali jiddiskutu l-poeżija Maltija bħala mezz ta' tagħlim mill-aktar essenzjali għall-edukazzjoni f'Malta filwaqt li jitkellem fuq il-poeżija bħala realtà mistika;
2. Hemm dawk ta' xeħta estetika bil-għan li Malta jkollha l-letteratura tagħha bħal kull pajjiż ieħor.
3. L-editorjali li jitkellmu fuq il-ħtieġa li kull Malti jagħraf jindokra tajjeb il-lingwa Maltija, b'ortografija, alfabett u grammatika kif xieraq.

Tlettax-il sena jfissru tnejn u ħamsin (52) Editorjal, għax f'dawn is-snin l-Għaqda kienet toħroġ *Il-Malti* erba' darbiet f'sena, u fil-fatt fuq kull qoxra kienu jistampaw: "L-ewwel ktieb"; "It-tieni ktieb"; "It-tielet ktieb" u "Ir-raba' ktieb" mas-sena li tkun. Jista' jkun li hemm xi editorjali li ma kitibhomx hu, imma jibqa' l-fatt li huwa numru kbir.

Kif rajna, Dun Karm beda jippubblika xogħlijietu f'*Il-Malti* mill-bidu nett, kemm proża kif ukoll poeżija. Mir-riċerka li għamilt jidher li hemm mill-inqas 36 xogħol fi proża (jinkludu xi traduzzjonijiet) u kważi mitt poeżija (96) li dehru f'*Il-Malti* ta' Dun Karm. Fosthom insibu wħud mill-aqwa tiegħu: *L-Innu Malti*, *Xenqet ir-Raba'*, *Non Omnis Moriar*, *Żagħżugħ ta' Dejjem*, *Il-Ġerrejja u Jien*, *Lil Malta* u *Lil Malta – wara Elfejn Attakk mill-Ajru*. Tajjeb ngħidu li minkejja l-ħruxija u t-tbatija tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-iskarsezza ta' kollox – inkluż il-karta – *Il-Malti* baqa' joħroġ.

Kienet ħaġa xierqa li l-Għaqda, issa l-Akkademja tal-Malti, issellem lil Dun Karm wara mewtu b'ħarġiet speċjali għalih: dik ta' Diċembru 1961 u l-aktar it-tielet u r-raba' ktieb tas-sena 1986, dedikat lilu f'għeluq il-25 sena minn mewtu.

---

[7] Cassar, 10.

Nagħlaq billi nislet kliem Dun Karm mill-editorjal ta' *Il-Malti* (ir-raba' ktieb) tal-1930: "Niżżu ħajr 'l Alla! B'dan il-għadd ir-Rivista tagħna tagħlaq is-sitt sena ta' ħajjitha: għomor sabiħ għal rivista letterarja bil-Malti, f'pajjiż ċkejken, fejn l-ebda oħra ta' suritha ma tawlet qatt aktar minn sena jew tnejn."

U kieku Dun Karm għadu magħna llum, x'kien jgħidilna? Il-pubblikazzjoni tawlet u għalqet mitt sena. Illum toħroġ darba fis-sena, forma ta' ktieb u talterna bejn ħarġa letterarja, ħarġa akkademika kif ukoll ħarġiet speċjali.

Imma naħseb li taqblu miegħi li għad fadlilna x'naqdfu biex tassew naslu fejn xtaq il-Poeta, kif fisser fil-poeżija tiegħu *Nar tat-Tiben?*:

L-imħabba tal-lsien Malti
mhix kbira daqs kemm tidher;
timla ta' elf il-fomm,
imma ta' għaxra s-sider.

L-imħabba tal-lsien tagħna
jeħtieġ tiġi minn ġewwa,
jekk irridu, kif jixraq,
inkunu Maltin sewwa.

---

© Joseph P. Borg